# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

**Uża dawn il-kliem f'sentenzi differenti u iktibhom f'forma ta' paragrafu dwar l-ambjent.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Żvilupp sostenibbli | Ħarsien ta' l-ambjent | Għaqdiet ambjentali | Riċiklaġġ | 5 ta' Ġunju |
| Riżorsi naturali | Tniġġiż | *Engineered landfills* | Riservi naturali | L-iskart |

**(10 marki)**

**Taqsima B**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**



1. X’tifhem b’***interazzjoni soċjali***?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (2 marki)

2. Semmi żewġ tipi ta’ komunikazzjoni li tista’ tintuża waqt l-interazzjoni soċjali.

   a. _______________________________________

   b. _______________________________________ (2 marki)

3. X’użu għandhom ir-regoli waqt l-interazzjoni soċjali? Spjega billi tagħti eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (4 marki)

4. X’tifhem b’***interazzjoni funzjonali***? Agħti eżempji.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3 marki)

5. Semmi żewġ postijiet fejn tista’ sseħħ l-interazzjoni soċjali.

   (i) ____________________ (ii) ____________________ (2 marki)

6. Minn xiex hija affettwata l-interazzjoni soċjali tagħna?

   (i) ____________________ (ii) ____________________ (2 marki)

**Total: 15-il marka**

## Taqsima Ċ

**<u>Qabbel il-lista A mal-lista B billi tikteb numru fil-kolonna tan-nofs.</u>**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Valuri | | familja, skola, xogħol |
| 2. | Komunità nazzjonali | | ġesti |
| 3. | Dmir | | Malta |
| 4. | Relazzjonijiet emozzjonali | | rispett lejn l-awtorità, solidarjetà |
| 5. | Ambjent soċjali | | tħares il-liġijiet |
| 6. | Ambjent naturali | | Ġnus Magħquda |
| **7.** | Soċjalizzazzjoni | | numru ta' twelid u imwiet li għandu kull pajjiż |
| 8. | Demografija | | dak kollu li toffri n-natura |
| 9. | Komunikazzjoni mhux verbali | | meta taqsam emozzjonijiet bħal ferħ, niket u mħabba ma' persuni oħra |
| 10. | Għaqda internazzjonali | | proċess ta' tagħlim ta' normi, imġiba soċjali u valuri |

**(10 marki)**

## Taqsima D



**<u>Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha fl-ispazju pprovdut.</u>**

Skond il-Kostituzzjoni ta' Malta, dak il-partit politiku li fl-elezzjoni jikseb l-aktar numru ta' voti jieħu l-gvern f'idejh.

Il-gvern m'għandux il-poter kollu waħdu. F'Malta għandna tliet istituzzjonijiet li għandhom poteri differenti. F'pajjiż demokratiku bħal Malta hemm diviżjoni ta' poter bejn dawn it-tliet istituzzjonijiet. Ministru ma jistax jgħaddi l-liġi waħdu u minn rajh għaliex din trid tgħaddi bilfors mill-Parlament. Din id-diviżjoni ta' poter qiegħda hemm biex tilqa' għall-possibilità ta' abbuż ta' poter. Iċ-ċittadin għalhekk għandu moħħu mistrieħ li dawk fil-quċċata tal-poter tal-pajjiż ma jagħmlux dak li jridu.

*(Nikbru ma' l-Oħrajn – Noti għall-Għalliema)*

1. Min huwa l-gvern?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

2. Liema huma t-tliet istituzzjonijiet li għandhom poteri differenti?

____________________ ____________________ ____________________

(3 marki)

3. Agħżel wieħed mill-istituzzjonijiet li semmejt qabel u agħti tagħrif dwar x'inhu x-xogħol ta' din l-istituzzjoni.

(3 marki)

4. Kull kemm issir l-elezzjoni ġenerali?

(marka)

5. X'tifhem bil-frażi 'pajjiż demokratiku'?

(3 marki)

6. Kemm fiha kapitli l-kostituzzjoni ta' Malta?

(marka)

7. X'tifhem bil-kelma ***kostituzzjoni***?

(2 marki)

**Total: 15-il marka**

**Taqsima E**

1. X'tifhem b'***soċjetà***?

(2 marki)

2. Liema huma l-erba' fatturi importanti f'soċjetà.

a. ______________________________________________

b. ______________________________________________

ċ. ______________________________________________

d. ______________________________________________ (2 marki)

3. Fejn isseħħ l-ewwel is-soċjalizzazzjoni primarja?

______________________________________________ (marka)

4. Għaliex hija importanti din it-tip ta' soċjalizzazzjoni?

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

5. X'tifhem b'soċjalizzazzjoni sekondarja? Agħti eżempji.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3 marki)

6. Taħseb li n-normi huma importanti għas-soċjetà? Spjega għaliex.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3 marki)

**Total: 15-il marka**

**Taqsima F**

**<u>Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 10 linji dwaru.</u>**

1. Il-Ġnus Magħquda.
2. Il-Kunsill ta' l-Ewropa.
3. L-Unjoni Ewropea.

**(10 marki)**

**Taqsima Ġ**

**<u>Agħżel WIEĦED minn dawn u ikteb madwar 200 kelma fuq is-suġġett.</u>**

1. X'tifsira għandu x-xogħol fil-ħajja tal-bniedem?
2. Kif nistgħu bħala ċittadini nieħdu ħsieb l-ambjent?
3. Għaliex huwa importanti li nistudjaw l-Istudji Soċjali?
4. Bħala ċittadini Maltin, kif nistgħu nuru l-identità tagħna?

**(25 marka)**